MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Numru 94/2007

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli
Spettur Pierre Micallef Grimaud)

vs

Massimo Caruana
Christopher Micallef

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Massimo Caruana u Christopher Micallef detenturi ta’ karti ta’ identita’ numru 91880M u 223582M rispettivament, akkuzati talli:

Gewwa l-Belt Valletta nhar id-29 ta’ Jannar 2007 ghal habta tad-9:30 ta’ fil-ghaxija bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ serq mill-fond numru 41, Triq Sant Kristofru l-Belt Valletta, wrew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit

minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri Lm100 izda anqas minn Lm1000, bil-mezz u bil-hin, ghad-detriment ta' Richard Matrenza mis-Swieqi u/jew persuni ohra;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara fil-bieb principali ta' l-imsemmi fond, liema hsara tiskorri Lm5 izda anqas minn Lm50, u li saret ghad-detriment ta' l-imsemmi Richard Matrenza u/jew persuni ohra;

Irrendew ruhhom recedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilhom mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lil Christopher Micallef wahdu, talli kiser il-provediment ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 3 ta' April 2006 (Magistrat Dr L Quintano LL.D.) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputati fl-ewwel dehra quddiema jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni huma insistew anka wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikunsidraw.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi migjuba kontra l-imputati huma ta' attentat ta' serq u hsara volontarja mentri l-imputat Christopher Micallef wahdu hu wkoll akkuzat li kiser il-provediment ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Illi stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata taghhom l-Qorti qeghdha tiddikjarahom hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Ghal finijiet ta' piena qeghdha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputati jidhru li intenzjonati jsegwu u jikkompletaw programm ta' rijabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga.

Ghaldaqstant, rat l-Artikolu 41, 261(c), 267, 279(a), 325(c), u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tiddeciedi li tpoggi lill-imptuati taht l-harsien ta' ufficjal tal-Probation ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum bil-kundizzjoni espressa li jidhru u jtemmu b'success programm ta' rijabilitazzjoni bl-applikazzjoni tal-imsemmi Artikolu 7 tal-Kap 446. Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabilitajiet taghhom derivanti minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------